# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 15**

**Rikors numru 239/19/1 AF**

**Patrick Spiteri**

**v.**

**Avukat Ġenerali**
**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

1. L-attur jinsab mixli b'numru ta' reati li jinkludu approprjazzjoni bla jedd, frodi u falsifikazzjoni ta' dokumenti pubbliċi u hemm diversi kawżi pendenti kontra tiegħu quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali. Il-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija (Assistent Kummissarju Ian Joseph Abdilla) v. Patrick Spiteri** bin-numru ta' referenza 798/2008 hija dik mertu ta' dawn il-proċeduri. Waqt li dawn il-proċeduri kienu pendenti l-attur żviluppa

problemi mediċi u kien mar għal kura barra minn Malta. Eventwalment il-Prosekuzzjoni rriżultalha l-ħtieġa li jinħareġ mandat ta' arrest Ewropew fil-konfront tal-attur sabiex jiġi estradit lejn Malta, liema mandat ta' arrest kien filfatt twettaq wara li l-Qrati Ingliżi ordnaw ir-ritorn tal-attur, għalkemm dan biss in relazzjoni għal uħud mill-akkużi li bihom kien qiegħed jiġi mixli l-attur. Meta ġie rritornat Malta l-attur inżamm taħt arrest a bażi tal-mandat ta' arrest maħruġ *ai termini* tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05 u wara xi xhur l-attur kien ingħata l-ħelsien mill-arrest, suġġett għal numru ta' kondizzjonijiet, fosthom li ma jsifirx mill-Gżejjer Maltin mingħajr il-permess tal-Qorti. Fis-6 ta' Ġunju, 2019, l-attur talab varjazzjoni fil-kondizzjonijiet tal-arrest tiegħu sabiex ikun jista' jaċċetta kuntratt ta' mpjieg ma' kumpanija estera li kien ikun jeħtieġlu li jsiefer għal laqgħat barra minn Malta kull ċertu żmien. Fil-kawża msemmija din it-talba ġiet miċħuda permezz ta' digriet datat 16 ta' Lulju, 2019. L-attur reġa talab tali varjazzjoni f'rikors datat 25 ta' Lulju, 2019, liema talba mbagħad ġiet milqugħa permezz ta' digriet datat 2 ta' Settembru, 2019. L-Avukat Ġenerali appella minn dan id-digriet quddiem il-Qorti Kriminali u fit-30 ta' Settembru, 2019, il-Qorti Kriminali laqgħat it-talba tal-Avukat Ġenerali sabiex id-digriet oriġinali dwar il-ħelsien mill-arrest tal-attur jibqa' nvarjat biex b'hekk huwa ma jkunx jista' jsiefer mill-Gżejjer Maltin. L-attur talab ir-rikonsiderazzjoni ta' dan id-digriet iżda din it-talba ġiet miċħuda permezz ta' digriet datat 7 ta' Novembru, 2019.

2. L-attur għalhekk intavola dawn il-proċeduri fejn qiegħed jilmenta li l-proċedura *ai termini* tal-Artikolu 575(4A) tal-Kodiċi Kriminali permezz ta' liema l-Avukat Ġenerali jista' jitlob lill-Qorti Kriminali sabiex tvarja l-kondizzjonijiet ta' ħelsien mill-arrest imposti mill-Qorti tal-Maġistrati ma toffrix il-garanzija kollha ta' smigħ xieraq kif sanċiti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta għaliex il-provvediment ikun qed jingħata minn Qorti li ma tkunx għexet il-każ u li strettament lanqas biss tkun adita mill-proċeduri u li dan wasal sabiex hu ġie preġudikat. Ilmenta wkoll li l-Artikolu 575(4A) ma jiżgurax il-parita\` bejn il-partijiet peress li huwa biss l-Avukat tal-Istat li għandu d-dritt jirrikorri quddiem il-Qorti Kriminali biex jottjeni kondizzjonijiet differenti minn dawk li tkun iddeterminat il-Qorti tal-Maġistrati. L-attur ilmenta wkoll li dan l-artikolu jħallih fi stat ta' nċertezza kbira peress li l-Avukat Ġenerali m'għandu l-ebda terminu *entro* liema jirrikorri għall-proċedura stabbilita fih. L-attur ilmenta wkoll li baqa' marbut bil-kondizzjoni li ma jsifirx meta skont hu huwa diġa wera li huwa persuna affidabbli għaliex ilu aktar minn sentejn li ngħata l-ħelsien mill-arrest u matul dan iż-żmien dejjem attenda għas-seduti.

3. F'dawn il-proċeduri huwa talab għalhekk lil Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tappunta u tisma' din il-kawza bl-urgenza.
>
> 2. Tiddikjara illi ghar-ragunijiet fuq esposti d-digrieti tal-Qorti Kriminali tat-30 ta' Settembru 2019 u tas-7 ta' Novembru 2019 fil-kawza 798/2008 huma lezivi tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif protetti bl-Artikolu 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Artikoli 5 u 6 tal-

Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.

3. Konsegwentement thassar u tirrevoka l-istess digrieti.

4. Tiddikjara illi ghar-ragunijiet esposti brevement f'dan ir-rikors l-Artikolu 575(4A) tal-Kap. 9 huwa leviz tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif protetti bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u konsegwentement tiddikjara li l-istess Artikolu huwa bla effett fil-konfront tar-rikorrent u tannulla kull procedura maghmula bis-sahha ta' dak l-artikolu fil-kaz tar-rikorrent numru 798/2008, inkluz li tannulla d-digrieti tal-Qorti Kriminali tat-30 ta' Settembru 2019 u tas-7 ta' Novembru 2019.

5. Taghti kull rimedju iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni biex tispurga l-vjolazzjonijiet fuq riskontrati.

Bl-ispejjez."

4. Il-konvenuti eċċepew, *inter alia,* illi (1) m'hemm l-ebda raġuni mpellenti jew speċjali sabiex dawn il-proċeduri jinstemgħu b'aktar urġenza minn oħrajn; (2) safejn l-ilment tal-attur huwa mibni fuq allegat ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq l-azzjoni hija waħda prematura għaliex il-proċeduri kriminali għadhom fi stadju ta' kumpilazzjoni iżda skont il-ġurisprudenza tali lment jista' jiġi biss eżaminat ladarba l-proċess kriminali jiġi konkluż; (3) l-attur ma jistax juża dawn il-proċeduri sabiex jiġu riveduti jew imħassra digrieti li ngħataw b'mod leġittimu minn qrati ordinarji għaliex din il-Qorti m'hijiex qorti ta' reviżjoni jew appell u li m'hemm l-ebda restrizzjoni fuq il-liberta` tal-attur ħlief għal dak li jirrigwarda l-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest li ġew imposti leġittimament mill-Qorti; (4) li l-attur għandu kull dritt jippreżenta rikors f'kull waqt quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jew il-Qorti Kriminali skont il-każ sabiex jitlob varjazzjoni fil-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest; (5) li meta

talba għar-reviżjoni tal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest tiġi miċħuda, l-akkużat dejjem għandu dritt li jerġa' jippreżenta talba oħra u dan id-dritt joffri salvagwardji biżżejjed; (6) li ma sar xejn fil-proċess relattiv għar-rikorrenti li b'xi mod seta' jinċidi fuq id-dritt tiegħu ta' proċess ġust; u (7) in-nuqqas ta' appell minn ċaħda ta' talba għall-varjazzjoni mill-kondizzjonijiet tal-ħelsien tal-arrest ma jpoġġu lill-attur fl-ebda żvantaġġ stante li l-attur għandu aċċess ampju u llimitat sabiex jitlob varjazzjoni mill-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest.

5. Wara digriet tal-25 ta' Ġunju, 2020, l-attur ġie awtorizzat iżid is-segwenti talbiet:

> "1. Tiddikjara illi z-zamma tal-esponent taht arrest f'Malta bis-sahha tal-mandat ta' arrest Ewropew mahrug fil-konfront tieghu dwar l-allegati reati mertu tal-kawza numru 798/2008 saret bi ksur u vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti bl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.
>
> 2. Tiddikjara illi l-kundizzjonijiet kollha mposti fuq l-esponent ghall-ottjeniment tal-helsien mill-arrest tieghu in segwitu ghar-ritorn tieghu f'Malta wara l-esekuzzjoni tal-imsemmi mandat ta' arrest Ewropew huma wkoll vjolattivi tad-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti bl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.
>
> 3. Konsegwentement tiddikjara l-arrest tal-esponenti f'Malta wara r-ritorn tieghu bis-sahha tal-Mandat ta' Arrest Ewropew bhala illegali, irritu, null u minghajr effett, u thassar u tannulla kull decizjoni li permezz taghha l-esponent inzamm arrestat hawn Malta dwar l-allegati reati mertu tal-kawza nurmu 798/2008, u tordna t-thassir tal-kundizzjonijiet kollha mposti mill-Qrati Maltin fuq l-esponent ghall-ottjeniment tal-helsien tieghu minn tali arrest, u taghti kull ordni li jidhrilha xierqa jew necessarja sabiex tizgura r-rispett lejn il-libertà tal-persuna tal-esponent."

6. Bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tat-13 ta' Ottubru, 2021, ġie deċiż hekk:

> "Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:
>
> 1. Tiddikjara li ġie leż d-dritt fundamentali tar-rikorrent għal-libertà kif sanċit permezz tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea meta nżamm taħt arrest f'Malta bis-saħħa tal-mandat ta' arrest Ewropew;
>
> 2. Tiddikjara li qiegħed jiġi leż id-dritt tar-rikorrent għal-libertà tal-moviment sanċit permezz tat-tieni artikolu tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba li r-restrizzjonijiet ma sarux bis-saħħa ta' mandat ta' arrest nazzjonali;
>
> 3. Tiċħad il-bqija tat-talbiet tar-rikorrent għar-rimedju kif mitlub;
>
> 4. Tordna lill-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija jirregolaw ruħhom fi żmien ghoxrin (20) jum mil-lum fid-dawl ta' dak deċiż permezz ta' din is-sentenza;
>
> 5. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tiġi inserita fl-atti tal-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Patrick Spiteri (798/08).
>
> L-ispejjeż tal-kawza jitħallsu kwantu għal nofs mir-rikorrent u nofs mill-intimati."

7. L-attur preżenta r-rikors tal-appell tiegħu fil-25 ta' Ottubru, 2021, permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata *in kwantu* sabet u ddikjarat li l-arrest u ż-żamma taħt arrest tiegħu f'Malta kienet tilledi d-drittijiet fondamentali tiegħu nkluż ukoll il-liberta` tal-moviment, tħassarha u tirrevokaha mill-bqija u minflok tagħmel id-dikjarazzjonijiet kollha u tagħti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni sabiex jingħata rimedju effettiv.

8. Il-konvenuti preżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom fit-8 ta' Novembru, 2021, permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell tal-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

9. Il-konvenuti preżentaw ukoll rikors tal-appell fid-29 ta' Ottubru, 2021, permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata f'dawk il-partijiet fejn it-talbiet tal-attur ġew miċħuda, tħassarha u tirrevokaha f'dawk il-partijiet fejn l-Ewwel Qorti sabet ksur tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni, tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u tat-tieni artikolu tar-Raba' Protokoll tal-istess Konvenzjoni u minflok tiċħad it-talbiet kollha tal-appellat bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

10. L-attur preżenta r-risposta tiegħu għar-rikors tal-appell tal-konvenut fid-29 ta' Novembru, 2021, permezz ta' liema ssottometta li l-aggravji tal-konvenuti huma kollha nfondati.

**Ikkonsidrat;**

**Il-validita` tal-arrest u d-detenzjoni tal-attur**

11. Peress illi l-ewwel aggravju tal-attur u l-ewwel tlett aggravji tal-konvenuti jitrattaw il-validita` tal-arrest u d-detenzjoni tal-attur, il-Qorti sejra titratta dawn l-aggravji flimkien.

12. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu l-attur jargumenta li filwaqt li jaqbel mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li l-arrest tiegħu f'Malta in konnessjoni mal-proċeduri bin-numru 798/08 kien null fil-liġi u għalhekk ġew leżi d-drittijiet fondamentali tiegħu, ma jaqbilx kompletament mar-raġuni mogħtijia mill-Ewwel Qorti għal dan. Filwaqt li jagħmel referenza għan-nota ta' sottomissjonijiet preżentata minnu quddiem l-Ewwel Qorti, l-attur jargumenta li l-arrest tiegħu f'Malta kien null għaliex il-mandat ta' arrest Ewropew a bażi ta' liema kien arrestat f'Malta kien ukoll null u mhux biss sempliċiment għaliex l-effetti tal-mandat ta' arrest Ewropew kienu ġew eżawriti mal-wasla tiegħu f'Malta.

13. B'risposta għal dan l-aggravju l-konvenuti jargumentaw illi dan l-aggravju huwa null għaliex l-appellant kellu jfisser u jqajjem aggravji ċari u mhux sempliċiment jagħmel referenza għan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, biex b'hekk huma jkunu f'pożizzjoni li jwieġbu għall-aggravju. Isostnu li mhuwiex minnu li l-arrest tal-attur kien null u li ma kienx kopert b'mandat ta' arrest nazzjonali, liema mandat kien inħareġ fl-20 ta' Ottubru, 2014.

14. Fir-rikors tal-appell tagħhom il-konvenuti jilmentaw permezz tal-ewwel aggravju li l-Ewwel Qorti m'għamlitx evalwazzjoni korretta tal-provi għaliex a kuntrarju ta' dak ikkonsidrat mill-Ewwel Qorti kien inħareġ

mandat ta' arrest domestiku kontra l-attur. Jargumentaw li peress li r-rikjesta sabiex l-attur jiġi estradit lejn Malta saret mill-awtoritajiet Maltin huwa applikabbli l-Artikolu 62 *et sequentes* tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05. Jgħidu li fil-kawża odjerna l-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ mill-awtoritajiet Maltin fil-konfront tal-attur li ġie esegwit l-Ingilterra huwa dak li jinsab a *fol.* 1129 tal-proċess kriminali, liema mandat ta' arrest huwa merament formula, ossia *template,* kkompilata sabiex tiddeskrivi l-fatti u r-reati li huma l-oġġett tal-mandat ta' arrest domestiku. Iżidu li l-mandat ta' arrest domestiku huwa dak li jinsab a *fol.* 1124 tal-process kriminali, liema mandat huwa redatt bil-Malti, maħruġ b'awtorita` mogħtija mill-Maġistrat Dr. Josette Demicoli, indirizzat lil Kummissarju tal-Pulizija, sar *ai termini* tal-Artikolu 62 ta' L.S.276.05 u jikkontjeni l-kliem espliċitu "dan il-mandat huwa maħruġ sabiex Spiteri jiġi arrestat u estradit lejn Malta għall-prosekuzzjoni tiegħu in konnessjoni ma' dawn ir-reati" u jikkontjenti wkoll il-kliem "Inti għandek tesegwixxi dan il-Mandat ta' Arrest....". Jgħidu li fl-20 ta' Ottubru, 2014, kien sar rikors mill-Kummissarju tal-Pulizija lil Qorti tal-Maġistrati sabiex tiġi nfurmata li Patrick Spiteri kien ilu ma jidher il-Qorti għal diversi xhur wara li siefer lejn ir-Renju Unit u qatt ma rritorna lura, u f'dan ir-rikors il-Kummissarju tal-Pulizija kien talab lil Qorti sabiex toħroġ mandat taħt it-Taqsima III *ai termini* tal-Artikolu 62 ta' L.S. 276.05, liema rikors kien intlaqa' dakinhar stess. Iżidu li skont dan il-mandat ta' arrest il-Kummissarju tal-Pulizija kien "... awtorizzat tieħu u żżomm b'arrest taħt il-kustodja tiegħek" lill-attur. Iżidu li filfatt l-awtoritajiet

ġudizzjarji Ingliżi ma rrifjutawx li jesegwixxu l-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ f'Malta għaliex dan kien validu *ai termini* tal-Framework Decision 2002/548EC u din il-validita` tippresupponi l-eżistenza ta' mandat ta' arrest Malti *sine qua non.* Jargumentaw li European Arrest Warrant jikkostitwixxi aċċettazzjoni minn Stat ta' deċiżjoni meħuda minn Stat ieħor, liema deċiżjoni hija waħda u l-mandat ta' arrest huwa wieħed, u ċioe` dak lokali.

15. Fit-tieni aggravju jargumentaw illi l-ilmenti tal-attur huma "*after thoughts"* intiżi sabiex idgħajfu l-impjant akkużatorju kontrih għaliex l-attur ma kienx oġġezzjona għall-arrest tiegħu meta tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-31 ta' Mejju, 2017, u lanqas ma kien talab il-ħelsien mill-arrest. Jagħmlu wkoll referenza għad-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati tas-27 ta' Lulju, 2017, fejn dik il-Qorti kienet ċaħdet l-argument tal-attur li ma setax jinżamm detenut a bażi tal-mandat ta' arrest maħruġ *ai termini* tar-regolament 62 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05. Jgħidu li jekk l-attur ried jikkontesta l-validita` tal-arrest tiegħu dan kellu jagħmlu mill-bidu nett u għalhekk dan l-ilment tiegħu jfalli a bażi tal-prinċipju li *electa una via non datur recursus ad alteram.* Iżidu li kieku l-attur ma ħarabx ma kienx ikun hemm bżonn li jinħareġ u jiġi esegwit mandat ta' arrest Ewropew kontra tiegħu.

16. Fit-tielet aggravju tagħhom il-konvenuti jargumentaw illi anke jekk il-Qorti ssib li l-arrest tal-attur kien invalidu dan ma jfissirx li huwa sofra ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu, a bażi tal-prinċipju *male captus bene detentus* li huwa aċċettat u applikat mill-International Criminal Tribunal for the Former Yugoslavia u mill-Qrati Amerikani. Jargumentaw li ġaladarba r-reati addebitati lil Patrick Spiteri huma gravi u serji, jissussisti "*overrding public interest*" li għandu jistrada lil din il-Qorti sabiex tippermetti li d-drittijiet tal-allegati vittmi u l-komunita` in ġenerali jiġu tutelati.

17. L-attur jargumenta b'risposta għall-ewwel aggravju tal-konvenuti li mhuwiex minnu li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħazin tal-provi għaliex il-prova rikjesta kienet dwar l-eżistenza ta' żewġ mandati ta' arrest distinti. Jgħid li l-konvenuti stess jammettu li kien inħareġ mandat wieħed iżda jsostnu li dan huwa biżżejjed għaliex jista' jkollu effetti dupliċi, argument li l-attur jgħid huwa kontradett mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Jargumenta li skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea qabel il-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew hemm il-ħtieġa li jinħareġ mandat ta' arrest nazzjonali, li f'dan il-każ ma nħariġx għaliex qari ta' L.S. 276.05 juri li l-mandat ta' arrest maħruġ *ai termini* tar-regolament 62 mhuwa xejn għajr il-mandat ta' arrest Ewropew. Jgħid li mandat ta' arrest Malti huwa dak il-mandat ta' arrest li jinħareġ skont l-Artikolu 355V et *seq* tal-Kodiċi Kriminali, u li l-mandat ta' arrest Ewropew mhuwiex mandat ta' arrest u

detenzjoni f'Malta u għalhekk ma jistax jintuża fil-pajjiż minn fejn inħareġ sabiex l-individwu jinżamm taħt arrest hemm.

18. Fir-rigward tat-tieni aggravju l-attur isostni li dan l-aggravju huwa assurd għaliex persuna ma tista' qatt tirrinunzja għad-drittijiet tagħha meta ma jkunx għadu seħħ ksur tagħhom. Jgħid li għalhekk persuna li tirrinunzja għad-dritt li tikkontesta l-legalita` tal-arrest tagħha ma tistax titqies li tkun irrinunzjat ukoll għad-dritt li tikkontesta l-legalita` tad-detenzjoni kontinwata tagħha. Jargumenta wkoll li s-sistema legali Maltija tippreżumi u tirrikjedi li l-konvenuti jaħdmu in *buona fede* u in konformita` mal-liġijiet kollha, meta f'dan il-każ huma mlew il-formola tal-mandat ta' arrest Ewropew ħażin billi ndikaw li kien hemm mandat ta' arrest nazzjonali meta dan ma kienx il-każ.

19. Dwar it-tielet aggravju l-attur jargumenta illi dan l-aggravju tal-konvenuti huwa attakk dirett u skonċernanti lejn is-saltna tad-dritt u li l-prinċipju nvokat minnhom ma jsib l-ebda applikazzjoni fid-dritt nazzjonali tal-ebda demokrazija Ewropea u kull pajjiż membru tal-Konvenzjoni Ewropea. Jargumenta li l-prinċipju applikabbli u sorrett mill-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin huwa li *quod nullum est null producit effectum* u li għalhekk jekk l-arrest tiegħu huwa null ma jistax ħlief li jwassal għal detenzjoni li hija wkoll nulla.

20. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar dan il-punt:

> "Ir-rikorrent imbagħad jorbot l-ilment tiegħu dwar il-libertà tal-persuna mal-fatt illi fil-konfront tiegħu nħareġ biss mandat ta' arrest Ewropew. Il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti kollha ta' din il-kawża, inkluż il-kopja elettronika tal-atti tal-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Patrick Spiteri (798/2008) minn fejn jirriżulta li l-uniku mandat ta' arrest li kienet ħarġet il-Qorti tal-Maġistrati fil-konfront tiegħu u ċioè dak tal-20 ta' Ottubru 2014, kien fil-fatt mandat ta' arrest Ewropew maħruġ ai termini tal-artikolu 62 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05 – Ordni Dwar Pajjiżi Barranin Appuntati Dwar l-Estradizzjoni.
>
> Għalhekk, u għalkemm skont l-artikolu 62 ta' din il-liġi mandat maħruġ taħt dik it-taqsima huwa mandat ta' arrest, ir-rikorrent għandu raġun jgħid illi fil-konfront tiegħu qatt ma kien ħareġ mandat ta' arrest nazzjonali.
>
> It-teżi tar-rikorrent hija li seħħet leżjoni tad-dritt tiegħu għal-libertà tal-persuna meta nżamm taħt arrest f'Malta minn Mejju sa Diċembru tal-2017 u sussegwentement meta ġew imposti fuqu kundizzjonijiet għal ħelsien mill-arrest abbażi tal-mandat ta' arrest Ewropew mingħajr ma jeżisti mandat ta' arrest nazzjonali.
>
> L-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (Leġislazzjoni Sussidjara 276.05) hija l-liġi li biha ġiet implimentata fl-ordinament ġuridiku tagħna l-proċedura tal-European Arrest Warrant introdott permezz tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2002. Id-Deċiżjoni Qafas ipprovdiet mekkaniżmu aktar effiċjenti sabiex tiżgura li l-fruntieri miftuħa ma jiġux sfruttati minn dawk li jfittxu li jevadu l-ġustizzja, u kkontribwiet għall-objettiv tal-Unjoni Ewropea li tiżviluppa u żżomm spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-2 ta' Lulju 2020).
>
> Skont l-ewwel artikolu tad-Deċiżjoni Qafas, il-mandat ta' arrest Ewropew hu deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat Membru bl-iskop tal-arrest u ċ-ċediment minn Stat Membru ieħor ta' persuna rikjesta, għall-iskopijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni.
>
> Mandat ta' arrest Ewropew jista' jinħareġ għall-atti li huma punibbli mil-liġi tal-Istat Membru emittenti permezz ta' piena li ċċaħħad il-libertà jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas 12-il xahar jew, fejn tkun ingħatat piena jew saret ordni ta' detenzjoni, għall-pieni ta' mill-inqas erba' xhur.
>
> L-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni Qafas jistipula r-rekwiżiti dwar il-kontenut ta' mandat ta' arrest Ewropew. B'mod partikolari dan jinkludi 'il-prova

ta' sentenza li tista' tiġi nfurzata, mandat ta' arrest jew kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja li tista' tiġi nfurzata oħra li għandha l-istess effett, li taqa' fl-iskop ta' l-Artikoli 1 u 2'.

Il-Qorti tal-Maġistrati u l-intimati qed jistrieħu fuq il-mandat ta' arrest Ewropew billi l-artikolu 62(4) tal-L.S. 276.05 jitkellem dwar tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali. Fid-digrieti tagħha tal-15 ta' Settembru 2017 u tal-20 ta' Ottubru 2017, il-Qorti tal-Maġistrati qieset li peress dan ġie rifless fil-mandat ta' arrest Ewropew, l-effetti tal-istess mandat ma spiċċawx fil-mument li r-rikorrent inġieb lura Malta. Madanakollu, ir-rikorrent għandu raġun meta jgħid illi skont ma ġie stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-mandat ta' arrest li jagħmel riferenza għalih l-artikolu 8 tad-Deċiżjoni Qafas, irid ikun distint mill-mandat ta' arrest Ewropew innifsu sabiex ikun iggarantit l-ogħla livell ta' protezzjoni ġudizzjarja. Fil-kawża bin-numru C-241/15 li kienet talba għal deċiżjoni millQorti tal-Appell tar-Rumanija, fil-proċedura ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kontra Niculaie Aurel BobDogi, deċiża fl-1 ta' Ġunju 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha xi tgħid hekk:

> "20. Din il-qorti tqis li jeżistu differenzi fundamentali bejn mandat ta' arrest Ewropew u mandat ta' arrest nazzjonali. Għalhekk, b'mod partikolari, mandat ta' arrest Ewropew jinħareġ biex tiġi arrestata u kkonsenjata persuna, akkużata jew ikkundannata, li tinsab fit-territorju tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, filwaqt li mandat ta' arrest nazzjonali jinħareġ biex tiġi arrestata persuna li tinsab fit-territorju tal-Istat Membru emittenti.
>
> …
>
> 42. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, għalkemm id-Deċiżjoni Qafas ma tinkludix id-definizzjoni tal-espressjoni "mandat ta' arrest", li tinsab fl-Artikolu 8(1)(c) tagħha, il-kunċett ta' "mandat ta' arrest Ewropew" huwa ddefinit fl-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni Qafas bħala li huwa "deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat Membru bl-iskop ta' l-arrest u l-konsenja minn Stat Membru ieħor ta' persuna rikjesta, għall-finijiet tat-tmexxija ta' azzjoni kriminali jew lesekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni".
>
> 43. Huwa dan il-kunċett ta' "mandat ta' arrest Ewropew" li jintuża b'mod sistematiku fit-titolu, fil-premessi u fl-artikoli tad-Deċiżjoni Qafas, ħlief għall-Artikolu 8(1)(c), u dan jagħti l-wieħed x'jifhem li din id-dispożizzjoni tirrigwarda mandat ta' arrest ieħor li ma huwiex il-mandat ta' arrest Ewropew imsemmi fid-dispożizzjonijiet l-oħra kollha tad-Deċiżjoni Qafas, u għalhekk jista' jkun biss mandat ta' arrest nazzjonali.
>
> …
>
> 45. Barra minn hekk, filwaqt li għall-awtoritajiet ġudizzjarji Ungeriżi l-prattika tal-proċedura msejħa "ssimplifikata" tikkostitwixxi eċċezzjoni li tapplika biss fil-każ fejn minn indizji jirriżulta li, meta nħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew, il-persuna mfittxija kienet diġà tinsab barra mit-territorju tal-Ungerija, il-formulazzjoni tal-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni

Qafas ma tinkludi ebda indikazzjoni li tgħid li, f'din is-sitwazzjoni speċifika, jista' jkun hemm eċċezzjoni għar-rekwiżiti previsti f'din id-dispożizzjoni.

…

49. Barra minn hekk, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni Qafas li tgħid li l-mandat ta' arrest Ewropew għandu jkun neċessarjament ibbażat fuq deċiżjoni ġudizzjarja nazzjonali distinta minn dan il-mandat, li tieħu l-forma, jekk ikun il-każ, ta' mandat ta' arrest nazzjonali, ma tirriżultax biss mit-termini ta' din id-dispożizzjoni, iżda wkoll mill-kuntest tagħha u mill-għanijiet imfittxija mid-Deċiżjoni Qafas, li għandhom, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jittieħdu in kunsiderazzjoni għall-finijiet tal-interpretazzjoni tagħha (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Lanigan, C-237/15 PPU, EU:C:2015:474, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

…

55. Barra minn hekk, l-osservanza tar-rekwiżit previst flArtikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni Qafas hija ta' importanza partikolari peress li din timplika li, meta l-mandat ta' arrest Ewropew jinħareġ għall-arrest u għall-konsenja minn Stat Membru ieħor ta' persuna mfittxija għall-eżerċizzju ta' prosekuzzjoni kriminali, din il-persuna setgħet diġà tibbenefika, fl-ewwel stadju tal-proċedura, mill-garanziji proċedurali u mid-drittijiet fundamentali, li l-protezzjoni tagħhom għandha tiġi żgurata mill-qrati tal-Istat Membru emittenti, skont id-dritt nazzjonali applikabbli, b'mod partikolari fid-dawl tal-adozzjoni ta' mandat ta' arrest nazzjonali.

...

58. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha esposti iktar il-fuq, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni Qafas għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "mandat ta' arrest", previst f'din iddispożizzjoni, għandu jinftiehem bħala li jindika mandat ta' arrest nazzjonali distint mill-mandat ta' arrest Ewropew."

Hija rilevanti wkoll l-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Bot, mogħtija fl-isfond ta' din il-kawża:

"70. Huwa biss billi jiġu sfurzati t-termini tad-dispożizzjoni Ungeriża li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew għat-territorju Ungeriż li jkun possibbli li din id-dispożizzjoni tiġi interpretata b'mod li jaqbel mal-imterpretazzjoni tal-Gvern Ungeriż, li tgħid li l-mandat ta' arrest Ewropew għandu n-natura ġuridika ta' mandat ta' arrest nazzjonali fl-Ungerija u n-natura ta' mandat ta' arrest Ewropew fl-Istati Membri l-oħra.

71. Madankollu, anki jekk insegwu l-Gvern Ungeriż fl-interpretazzjoni tiegħu, is-sistema ġuridika ta' dan il-mandat li, bħal xi Janus b'żewġt uċuħ, toffri l-wiċċ doppju ta' mandat ta' arrest nazzjonali fit-territorju tal-Istat Membru emittenti u ta' mandat ta' arrest Ewropew fit-territorju tal-Istati Membri l-oħra tibqa' kkaratterizzata b'ambigwità kbira.

72. L-ewwel nett, sa fejn, kif enfasizzajt preċedentement, il-mandat ta' arrest Ewropew huwa strument ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u mhux ordni ta' tfittxija u ta' arrest tal-persuna konċernata fit-territorju tal-Istat Membru emittenti, din is-sistema tiżnatura l-għan tal-mandat ta' arrest Ewropew u ċċaħħdu minn bażi legali.

73. It-tieni nett, u bħala konsegwenza, il-persuna mfittxa tiġi b'dan il-mod imċaħħda, fin-nuqqas ta' att li jista' jiġi kkontestat ieħor minbarra l-mandat ta' arrest Ewropew, mill-possibbiltà li tikkuntesta, fl-Istat Membru emittenti, il-legalità tal-arrest u tad-detenzjoni tagħha fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Istat. Sa fejn l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni hija kompetenti biss biex tiddeċiedi fuq il-motivi tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni previsti fid-Deċiżjoni Qafas, għalhekk, ikun hemm ir-riskju li aspett sħiħ tal-legalità tal-arrest u tad-detenzjoni ma jkunx suġġett għall-istħarriġ ġudizzjarju."

Hekk ukoll, fil-każ riċenti bin-numru C-414/20 PPU li kienet talba għal deċiżjoni preliminari mill-Qorti Kriminali tal-Bulgarija, fil-proċeduri kriminali kontra MM, tat-13 ta' Jannar 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja qalet hekk:

"55. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju ppreċiżat, bi tweġiba għal talba għal kjarifiki magħmula mill-Qorti talĠustizzja, li, minbarra l-mandat ta' preżentazzjoni li jirriżulta mid-digriet tat-8 ta' Awwissu 2019 maħruġ mis-servizzi tal-pulizija, ebda mandat ta' arrest nazzjonali ieħor ma nħareġ fil-konfront ta' MM. Il-qorti tar-rinviju tindika b'mod partikolari li ebda ordni meħuda abbażi tal-Artikolu 64(2) tan-NPK ma ġiet adottata fil-konfront ta' MM.

56. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi u sa fejn dawn għandhom ikunu eżatti, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, ma jidhirx li l-mandat ta' arrest Ewropew inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandu bħala bażi legali mandat ta' arrest nazzjonali jew deċiżjoni ġudizzjarja eżekuttiva li jkollha l-istess effett, kuntrarjament għal dak li jeżiġi l-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, b'tali mod li dan il-mandat ta' arrest Ewropew huwa invalidu.

...

61. Fl-aħħar nett, hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, għal dak li jirrigwarda proċedura relatata ma' mandat ta' arrest Ewropew, il-garanzija tal-osservanza tad-drittijiet tal-persuna li tagħha qed tintalab il-konsenja hija rresponsabbiltà tal-Istat Membru emittenti, li huwa preżunt li jirrispetta d-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, id-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti minn dan tal-aħħar (sentenzi tat-23 ta' Jannar 2018, Piotrowski, C-367/16, EU:C:2018:27, punt 50, u tas-6 ta' Diċembru 2018, IK (Eżekuzzjoni ta' piena addizzjonali), C-551/18, EU:C:2018:991, punt 66).

62. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta wkoll li s-sistema tal-mandat ta' arrest Ewropew tinvolvi protezzjoni fuq żewġ livelli tad-drittijiet proċedurali u tad-drittijiet fundamentali li minnhom għandha tibbenefika l-persuna mfittxija, peress li, mal-protezzjoni ġudizzjarja prevista fl-ewwel livell, fil-kuntest tal-adozzjoni ta' deċiżjoni nazzjonali, bħal mandat ta' arrest nazzjonali, tiżdied dik li għandha tiġi żgurata fit-

tieni livell, fil-kuntest tal-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew, li jista' jseħħ, jekk ikun il-każ, f'termini qosra, wara l-adozzjoni tal-imsemmija deċiżjoni ġudizzjarja nazzjonali (sentenzi tat-12 ta' Diċembru 2019, Parquet général du Grand-Duché de Luxembourg u Openbaar Ministerie (Prosekuturi ta' Lyon u ta' Tours), C-566/19 PPU u C-626/19 PPU, EU:C:2019:1077, punt 59, kif ukoll tat-12 ta' Diċembru 2019, Openbaar Ministerie (Prosekutur tal-Isvezja), C-625/19 PPU, EU:C:2019:1078, punt 38).

...

67. Għaldaqstant, huma l-Istati Membri li għandhom jiżguraw li l-ordinamenti ġuridiċi tagħhom jiggarantixxu b'mod effettiv il-livell ta' protezzjoni ġudizzjarja meħtieġ mid-Deċiżjoni Qafas 2002/584 hekk kif interpretat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, permezz ta' rimedji li huma jimplimentaw u li jistgħu jvarjaw minn sistema għall-oħra (sentenza tat-12 ta' Diċembru 2019, Openbaar Ministerie (Prosekutur tal-Isvezja), C-625/19 PPU, EU:C:2019:1078, punt 43).

…

71. Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-osservanza tal-Karta hija imposta, kif jirriżulta mill-Artikolu 51(1) tagħha, fuq l-Istati Membri u, konsegwentement fuq il-qrati tagħhom, meta dawn jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni, li huwa l-każ meta l-awtorità ġudizzjarja emittenti u l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont id-Deċiżjoni Qafas 2002/584 (sentenza tal-1 ta' Ġunju 2016, Bob-Dogi, C-241/15, EU:C:2016:385, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata). Dan għandu jkun il-każ ukoll meta l-kwistjoni tkun tirrigwarda l-effettività tal-istħarriġ ġudizzjarju li għandu jiġi eżerċitat, b'mod dirett jew inċidentali, fir-rigward tad-deċiżjonijiet dwar il-mandat ta' arrest Ewropew.

...

77. Minn dan isegwi li, kif osserva wkoll l-Avukat Ġenerali fil-punti 148 u 149 tal-konklużjonijiet tiegħu, peress li l-persuna mfittxija ġiet arrestata u sussegwentement ikkonsenjata lill-Istat Membru emittenti, il-mandat ta' arrest Ewropew, bħala prinċipju, eżawrixxa l-effetti legali tiegħu, bl-eċċezzjoni għall-effetti tal-konsenja espressament previsti fil-Kapitolu 3 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, u li, fid-dawl tal-limiti inerenti għall-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew, dan ma jikkostitwixxix titolu ta' detenzjoni tal-persuna mfittxija fl-Istat Membru emittenti."

Isegwi għalhekk illi meta l-persuna tiġi konsenjata lill-iStat Membru li jkun ħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew, il-proċedura hija kompletata u l-effetti tagħha jieqfu hemm. Fil-każ tal-lum, il-mandat ta' arrest Ewropew kien jirrikjedi mandat ta' arrest nazzjonali kemm sabiex jinħareġ u kemm sabiex ir-rikorrent jinżamm arrestat malli wasal lura Malta.

Fil-manwal ippubblikat mill-Kunsill dwar kif għandu jinħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew, ippublikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea wkoll insibu li:

"Madankollu, jibqa' dejjem meħtieġ li tingħata sentenza nazzjonali eżegwibbli jew jinħareġ mandat ta' arrest nazzjonali jew deċiżjoni ġudizzjarja simili qabel u b'mod separat mill-MAE."

It-Taqsima 2.1.3. tispjega aħjar:

"L-awtoritajiet ġudizzjarji emittenti jridu dejjem jiżguraw li jkun hemm deċiżjoni ġudizzjarja domestika eżegwibbli qabel ma joħorġu MAE. In-natura ta' din id-deċiżjoni tiddependi fuq l-iskop tal-MAE. Meta jinħareġ l-MAE bl-iskop ta' prosekuzzjoni, mandat ta' arrest nazzjonali jew kull deċiżjoni ġudizzjarja eżegwibbli li jkollha l-istess effett trid tkun saret mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti tal-Istat Membru emittenti (l-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni Kwadru dwar lMAE) qabel ma jinħareġ l-MAE. Ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-241/15 BobDogi li l-mandat ta' arrest nazzjonali jew deċiżjoni ġudizzjarja oħra hija distinta mill-MAE nnifsu. Meta l-MAE jinħareġ għall-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' priġunerija jew ordni ta' detenzjoni jrid ikun hemm sentenza domestika eżekutorja għal dan il-għan.

Kif innotat il-Qorti tal-Ġustizzja f'dak il-każ, is-sistema ta' MAE toffri protezzjoni fuq żewġ livelli għad-drittijiet proċedurali u fundamentali li trid tibbenefika minnhom ilpersuna rikjesta — protezzjoni ġudizzjarja pprovduta fuq lewwel livell, li fih deċiżjoni ġudizzjarja nazzjonali, bħal mandat ta' arrest nazzjonali, tiġi adottata, u l-protezzjoni li għandha tiġi żgurata fit-tieni livell, li fih jinħareġ MAE. Dik il-protezzjoni ġudizzjarja b'żewġ livelli ma taħdimx f'sitwazzjoni fejn ebda deċiżjoni ġudizzjarja li fuqha jiġi bbażat MAE, ma tkun ingħatat mill-awtorità ġudizzjarja nazzjonali qabel ma jinħareġ il-MAE.

…

It-terminu "deċiżjoni ġudizzjarja" (li huwa distint mill-MAE) ġie ċċarat ulterjorment mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha fil-Kawża Özçelik, fejn ġie konkluż li validazzjoni mill-uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku ta' mandat ta' arrest nazzjonali li nħareġ mill-pulizija, u li fuqu huwa bbażat il-MAE, hija koperta mit-terminu ta' "deċiżjoni ġudizzjarji."

...

L-eżistenza ta' deċiżjoni ġudizzjarja domestika jew mandat ta' arrest trid tkun indikata fil-formula tal-MAE meta jinħareġ l-MAE (l-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni Kwadru dwar l-MAE u ara t-Taqsima 3.2 ta' dan il-Manwal.). Mhux meħtieġ li ddeċiżjoni jew il-mandat jiġu mehmuża mal-MAE."

Applikati dawn il-prinċipji għal din il-kawża, il-Qorti tqis illi bilfatt illi r-rikorrent inżamm taħt arrest mingħajr ma kien inħareġ fil-konfront tiegħu mandat ta' arrest nazzjonali, id-detenzjoni tiegħu kienet waħda illegali u għaldaqstant, ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu għal-libertà kif sanċit permezz tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea. B'żieda ma dan illum il-ġurnata qed jiġi leż id-dritt tiegħu għal-libertà tal-moviment kif sanċit permezz tat-tieni artikolu tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni in kwantu li ma jistax jingħad illi r-restrizzjoni fuq tluq minn dawn il-Gżejjer saret taħt qafas legali. Il-fatt illi huwa ma kkontestax id-detenzjoni tiegħu mill-ewwel seduta mal-wasla tiegħu lura

> hawn Malta ma jfissirx b'daqshekk illi huwa rrinunzja għad-drittijiet tiegħu kif donnhom qed jippretendu l-intimati."

### *Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

21. Fir-rigward tal-aggravju tal-attur, il-Qorti tosserva illi permezz ta' dan l-aggravju l-attur mhuwiex qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka jew tibdel xi parti mid-deċide tas-sentenza appellata. Jirriżulta anzi li l-attur filfatt jaqbel mad-deċide u jrid li dan jiġi kkonfermat safejn jitratta d-dikjarazzjonijiet dwar il-leżjonijiet tad-drittjiet li l-Ewwel Qorti sabet li ġew subiti minnu, filwaqt li jiġu riveduti l-konsiderazzjonijiet li fuqhom huwa msejjes id-deċide. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-aggravju huwa legalment insostenibbli. Ġaladarba l-attur mhuwiex qiegħed jitlob ir-riforma tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tas-sejbien tal-leżjoni tad-drittijiet tiegħu, huwa ma jistax jitlob li din il-Qorti tirriforma l-konsiderazzjonijiet legali li fuqhom hija bbażata dik is-sentenza, mingħajr ma tibdel il-konklużjoni. Il-funzjoni ta' din il-Qorti hija waħda ta' reviżjoni u huwa ċar li l-Qorti ma tistax twettaq din il-funzjoni jekk dak mitlub minnha mill-apppellant huwa effettivament il-konferma tal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti. Għaldaqstant dan l-aggravju tal-attur qiegħed jiġi miċħud.

22. Fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-konvenuti, wara li eżaminat il-mandat a *fol.* 1124 tal-proċess tal-kawża kriminali, din il-Qorti hija tal-fehma li dak il-mandat huwa filfatt mandat ta' arrest nazzjonali. Dan il-

mandat inħareġ mill-Qorti tal-Maġistrati ta’ Malta a bażi ta’ leġislazzjoni domestika, u ċioe` l-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05, u ġie ndirizzat lill-Kummissarju tal-Pulizija ta’ Malta. Qari tal-istess mandat juri li dan il-mandat jirrappreżenta ordni mill-Qorti tal-Maġistrati lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jarresta lill-attur u jżommu taħt il-kustodja tiegħu bil-għan li jitressaq quddiemha għall-prosekuzzjoni tiegħu fuq ir-reati li bihom jinsab mixli. Għalhekk il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti li fil-każ odjern ma nħariġx mandat ta’ arrest domestiku.

23. L-attur jilmenta wkoll dwar iż-żamma taħt arrest tiegħu meta ġie lura Malta u l-kondizzjoni li ġew imposti fuqu meta ngħata l-ħelsien mill-arrest mill-Qorti tal-Maġistrati. L-attur jikkontendi li l-mandat ta’ arrest maħruġ *ai termini* tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05 ma jikkontemplax id-detenzjoni kontinwata tal-persuna ritornata Malta għaliex l-effetti tiegħu jispiċċaw hekk kif dik il-persuna titressaq quddiem il-Qorti bis-saħħa ta’ dak il-mandat. Il-Qorti tqis pero` li huwa ndubitat li meta l-attur tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-31 ta’ Mejju, 2017, il-Qorti kienet ħasset li hemm raġunijiet validi fil-liġi sabiex l-attur jinżamm detenut. Filfatt jidher li l-attur stess aċċetta li kien hemm raġunijiet validi sabiex jinżamm detenut, ikkonsidrat li huwa stess, *tramite* d-difensur legali tiegħu, ddikjara li ma kienx ser ikun qed jitlob il-ħelsien mill-arrest. Il-Qorti tosserva li dakinhar tal-31 ta’ Mejju, 2017, l-attur kien tressaq quddiem Qorti indipendenti, quddiem min seta’ jikkontesta l-validita` tal-arrest

tiegħu jew jagħmel talba għall-ħelsien mill-arrest. Dik il-Qorti kellha l-poter li tirrevedi l-arrest tal-attur u tordna l-ħelsien mill-arrest tiegħu fil-każ li ssib li ma kienx hemm raġunijiet suffiċjenti skont il-liġi sabiex l-attur jinżamm taħt arrest. L-attur kellu wkoll il-possibilita` li jitlob il-ħelsien mill-arrest anke wara dik id-dehra, dritt li huwa filfatt eżerċita, għalkemm għal xi xhur dawn it-talbiet kienu qed jiġu miċħuda peress li l-Qorti tal-Maġistrati kienet tal-fehma li l-attur kellu jibqa' detenut għaliex ma ssodisfax il-garanziji rikjesti mill-liġi partikolarment billi "... ma tax garanzija tajba li jidher quddiem din il-Qorti għal kull att tal-proċess sabiex dawn il-proċeduri jitkomplew u dan tenut kont tal-inaffidabilita' tiegħu" u dan *ai termini* tal-Artikolu 574 u l-Artikolu 575 tal-Kodiċi Kriminali.[1] Ma jidhirx illi l-Qorti tal-Maġistrati kienet irraġonevoli fir-rigward tal-ħelsien mill-arrest ta' Spiteri, kkonsidrat li ftit xhur wara l-arrest tiegħu huwa kien diġa' ngħata ħelsien mill-arrest minkejja li kien għadu kif għamel snin maħrub minn Malta, u b'hekk kienu qed jiġu stultifikati l-proċeduri kriminali pendenti kontra tiegħu.

24. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li mill-atti jirriżulta li l-appellat kien għamel snin sħaħ ma jibgħatx informazzjoni lil Qorti dwar l-andament tal-kura medika li kien qiegħed jirċievi, fejn kien qiegħed joqgħod u meta kien mistenni li jiġi lura Malta, u lanqas biss kien qiegħed jidher l-avukat difensur tiegħu għas-seduti quddiem il-Qorti. Fid-dawl ta' dan in-nuqqas

---

**[1] Ara per eżempju d-digriet tal-20 ta' Lulju, 2017, a *fol.* 1076 tal-proċess tal-kawża kriminali.**

ta' kooperazzjoni min-naħa tal-appellat, li wassal għan-neċessita` tal-ħruġ ta' mandat ta' arrest u EAW fil-konfront tal-appellat, il-Qorti tqis li aktar u aktar kienet raġonevoli fid-deċiżjonijiet tagħha l-Qorti tal-Maġistrati, partikolarment fid-deċiżjoni li tipprekludi lill-appellat milli jkun jista' jitlaq mill-Gżejjer Maltin. L-imġieba tal-appellat għal dawk is-snin fejn kien effettivament maħrub minn Malta ftit li xejn trawwem fiduċja fl-affidabilita` tiegħu li jidher quddiem il-Qorti għal kawża u għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati kienet ġusta meta ħadet dawk il-miżuri kontemplati fil-liġi sabiex tassigura li l-appellat jidher quddiemha u l-kawża tkun tista' tipprosegwi.

25. Fil-fehma tal-Qorti dan kollu jfisser li r-rekwiżiti tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ġew sodisfatti, u minn dan isegwi li ma kien hemm l-ebda ksur tad-dritt tal-attur sanċit permezz tal-istess artikolu.

26. Fi kwalunkwe każ, Il-Qorti tirrileva illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali huma mogħnija bis-setgħa li jimponu fuq akkużati f'kawżi quddiemhom numru ta' kondizzjonijiet sabiex jiżguraw li jidhru għall-kawża, u dan mhux biss bħala kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest tagħhom. Filfatt, l-Artikolu 412A (1) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi:

> "Meta l-imputat jew l-akkużat li jitressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, sew bħala qorti ta' ġudikatura kriminali sew bħala qorti istruttorja, ma jkunx taħt arrest, l-Avukat Ġenerali jew il-Pulizija tista' f'dak il-waqt stess jew f'kull stadju tal-proċeduri li jiġi wara titlob lill-Qorti li timponi xi

> kondizzjonijiet fuq l-akkużat jew l-imputat sabiex tiġi żgurata d-dehra fil-proċeduri ta' dik il-persuna fil-ħin u l-post stabbiliti jew sabiex jiġi xort'oħra żgurat li dik il-persuna ma tkun sejra b'ebda mod mhux leġittimu tindaħal fl-amministrazzjoni korretta tal-ġustizzja f'dawk il-proċeduri."

27. Il-Qorti tosserva li l-argument tal-attur illi huwa qatt ma kien maħrub u li l-prosekuzzjoni kienet taf fejn kien jinstab huwa kontradett mill-provi. Jirriżulta li huwa minnu li għall-ewwel il-prosekuzzjoni u l-Qorti kienu qed jiġu nfurmati dwar il-kondizzjoni medika tal-attur, it-trattament li kien qiegħed jirċievi u fejn kien jinstab, u kien hemm komunikazzjoni bejn l-uffiċjal prosekutur u l-attur. Jidher illi eventwalment pero` din il-komunikazzjoni sfaxxat, u tant mhuwiex minnu dak li jgħid l-attur li l-awtoritajiet Maltin kienu jafu fejn kien jinstab, illi l-attur ġie estradit lura lejn Malta ċirka tlett snin wara li nħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew kontra tiegħu. Għalhekk il-Qorti tqis illi kondizzjonijiet imposti fuq l-attur, inkluż dawk li jirrestrinġu l-possibilita` tiegħu li jsiefer, kienu neċessarji u ampjament ġustfikati fiż-żmien meta ġew imposti ġaladarba l-attur ma setax jiġi afdat li mingħajr tali kondizzjonijiet kien ser jidher għall-proċeduri kontra tiegħu, u dan biss kaġun tal-imġieba u l-aġir tiegħu. Il-Qorti hija għalhekk tal-fehma li r-restrizzjonijiet imposti fuq l-attur setgħu jiġu legalment u validament imposti fuqu mill-Qorti anke fl-assenza ta' ordni ta' arrest u detenzjoni.

28. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-ewwel l-aggravju tal-konvenuti huwa ġustifikat u qiegħed jiġi milqugħ.

**Ir-Raba' u l-Ħames Aggravju tal-konvenuti**

29. Dawn l-aggravji tal-konvenuti jirrigwardaw id-dikjarazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti li l-attur sofra leżjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu hekk kif sanċiti permezz tal-Artikolu 2 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-konvenuti jargumentaw fir-raba' aggravju illi l-ksur ta' dan il-jedd li kkonstatat l-Ewwel Qorti huwa bbażat fuq leżjonijiet tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea li ma jeżistux u għalhekk lanqas setgħat tinstab din il-leżjoni. Fil-ħames aggravju jargumentaw imbagħad illi l-Ewwel Qorti ma setgħetx issib leżjoni ta' dan id-dritt peress illi qatt ma ġie nvokat espressament mill-attur.

30. L-attur jirribatti li ġaladarba jirriżulta li l-arrest tiegħu kien null minn tal-anqas f'Malta, kwalunkwe restrizzjonijiet fuq il-liberta` tal-moviment tiegħu huma wkoll nulli. Jgħid li għalkemm huwa minnu li l-Artikolu 2 tar-Raba' Protokoll ma ssemmiex fir-rikors promotur tiegħu, l-Ewwel Qorti ntalbet sabiex tagħmel kull dikjarazzjoni u tagħti kull rimedju li jkunu xierqa u opportuni u għalhekk kien possibbli għaliha li ssib leżjoni ta' dan l-artikolu.

31. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Il-Qorti ser tibda billi tindirizza l-ilment tar-rikorrent illi huwa miżmum milli jsiefer u b'hekk ma jistax isib impieg. L-ewwel u qabel kollox, il-Qorti tqis illi dan l-ilment ma jistax jitqies taħt il-kappa tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni in kwantu li restrizzjoni fuq safar mhijiex privazzjoni mil-libertà kif maħsub f'dawn iż-żewġ artikoli. Kif ingħad mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' De Tommaso v Italy, tat-23 ta' Frar 2017:

> "[The Court] reiterates at the outset that in proclaiming the "right to liberty", paragraph 1 of Article 5 contemplates the physical liberty of the person. Accordingly, it is not concerned with mere restrictions on liberty of movement, which are governed by Article 2 of Protocol No. 4."

Huwa t-tieni artikolu tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni li huwa applikabbli għal dan l-ilment tar-rikorrent:

> "1. Kull min ikun b'mod leġittimu fil-limiti tat-territorju ta' xi Stat għandu, fil-limiti ta' dak it-territorju, ikollu d-dritt għal-libertà ta' moviment u l-libertà li jagħżel ir-residenza tiegħu.
>
> 2. Kulħadd ikun liberu li jitlaq minn xi pajjiż, inkluż dak tiegħu nnifsu.
>
> 3. Ma għandhom jitqegħdu ebda restrizzjonijiet fuq l-eserċizzju ta' dawn id-drittijiet ħlief dawk li jkunu skont illiġi u li jkunu meħtieġa f'soċjetà demokratika f'kull interess tas-sigurtà nazzjonali jew tas-sigurezza pubblika, għaż-żamma tal-ordni pubbliku, għall-prevenzjoni ta' reati, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-oħrajn.
>
> 4. Id-drittijiet stipulati fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu wkoll suġġetti, f'arei partikolari, għal restrizzjonijiet imposti skont il-liġi u li jkunu ġustifikati bl-interess pubbliku f'soċjetà demokratika."

Stabbilit dan, sa fejn ir-rikorrent qiegħed jilmenta dwar restrizzjoni fuq safar bħala kundizzjoni tal-ħelsien mill-arrest, il-Qorti tqis illi ma seħħet l-ebda leżjoni tad-dritt tiegħu għal-libertà tal-moviment in kwantu li m'hemmx dubju din ir-restrizzjoni hija aċċetabbli f'soċjetà fejn tirrenja s-saltna [*recte:* stat] tad-dritt tenut kont tal-fatt illi r-rikorrent kellu jinġieb lura Malta bis-saħħa ta' mandat ta' arrest Ewropew sabiex setgħu jissoktaw il-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu wara li għeb għal kważi tlett snin.

Fil-fatt, restrizzjonijiet fuq safar bħala waħda mill-kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest tal-akkużat ma jistgħux jitqiesu leżivi tad-dritt fundamentali tiegħu għal-libertà tal-moviment. Kif proprju osservat il-Kummissjoni tal-Qorti Ewropea fil-każ ta' Schmid v Austria, tad-9 ta' Lulju 1985:

> "2. … The applicant further alleges a breach of Article 2 of Protocol No. 4 to the Convention in that the continuing bail conditions, applied even after the applicant's release from detention … prevented him from

> leaving the country and, because they involved denial of his travel papers, also prevented him from moving around within the country … the Commission considers that the restrictions permitted by para. 3 of Article 2 of Protocol No. 4 must in the present case be read in conjunction with the final sentence of para. 3 of Article 5 of the Convention. The applicant was released pending trial and "guarantees to appear for trial" were imposed. The Commission considers that there is no reason why those guarantees should be limited to monetary security. It further considers that in the circumstances the bail requirements, insofar as they restricted the applicant's choice of residence and his freedom to move within the country and abroad, were "in accordance with law and … necessary in a democratic society … for the prevention of crime …". They were thus covered by para. 3 of Article 2 of Protocol No. 4."

[…]

… illum il-ġurnata qed jiġi leż id-dritt tiegħu għal-libertà tal-moviment kif sanċit permezz tat-tieni artikolu tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni in kwantu li ma jistax jingħad illi r-restrizzjoni fuq tluq minn dawn il-Gżejjer saret taħt qafas legali….".

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

32. Il-Qorti tqis illi r-raba' aggravju tal-konvenuti huwa fondat. Ġaladarba nstab li r-restrizzjoni fuq it-tluq mill-Gżejjer Maltin imposta fuq l-appellat filfatt saret taħt qafas legali, huwa ċar li din il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti hija żbaljata u għandha tiġi revokata.

33. Għaldaqstant ir-raba' aggravju tal-konvenuti qed jiġi milqugħ. Peress li għalhekk is-sejbien ta' ksur qiegħed jiġi revokat għal kollox, il-Qorti tqis li ma fadalx lok li jiġi eżaminat l-aggravju tal-attur dwar ir-rimedju mogħti mill-Ewwel Qorti, u lanqas l-aggravju dwar il-kap tal-ispejjeż.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tilqa' l-ewwel u r-raba' aggravju tal-konvenuti u tiċħad l-appell tal-attur, tirrevoka s-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet attriċi kollha, bl-ispejjeż taż-żewġ proċeduri jitħallsu mill-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da